21 ta' Frar 2012

Wara xhur li l-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) ilha tipprova tasal mal-Gvern għal soluzzjoni aħħarija sabiex darba għal dejjem ikun hemm sitwazzjoni stabbli fil-konfront tat-tiġdid tal-liċenzji tal-kaċċa u tal-insib, issa, kollox reġgħa sar bl-għaġġla u l-bieraħ ġiet ippubblikata l-istqarrija tal-Gvern fejn qed jibda dan il-proċess.

Minkejja li r-rekwiżiti tal-liġi li hemm fis-seħħ tobbliga lill-għaqdiet tal-kaċċaturi u nassaba jiġbru l-ktejjeb tal-Carnet de Chasse mimli tas-sena li tkun għaddiet, għal darb'oħra dawn ser jinġabru mill-Maltapost.

L-FKNK taf li l-istaġun li għadda, partikolarment dak tal-ħarifa għall-gamiem u s-summien, kien wieħed mill-aktar fqar milli qatt kien hawn. Għaldaqstant, kif dejjem tagħmel, l-FKNK tavża lill-membri tagħħa sabiex jgħidu l-verita' u xejn aktar peress dan il-qbid tal-ħarifa jirrifletti n-numru ta' dawn l-ispeċi li jkun jista' jinqabad fir-rebbiegħa fi kwalunkwe deroga li jista' japplika l-Gvern.

L-FKNK tavża lill-membri tagħħa nassaba u kaċċaturi, sabiex bejn it-23 u d-29 ta' Frar imorru għand xi fergħat tal-Maltapost bil-ktejjeb tal-Carnet de Chasse tas-sena l-oħra mimli sewwa. Min għandu xi diffikulta kif għandu jimla l-ktejjeb, għandu jew jirrikorri l-uffiċini tal-FKNK minn fejn jista jiġbor fuljett bl-istruzzjonijiet, jew iniżżel dawn minn dan il-link: http://archive.huntinginmalta.org.mt/uploads/24/835/Carnet_de_Chasse_Fuljett_ta_Informazzjoni.pdf . Importanti li kull min tilef jew għandu xi problema bil-Carnet de Chasse tas-sena l-oħra, għandu, fl-istess ġranet, jikkuntattja lill-Awtorita' tal-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA), Hexagon House, Marsa waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Fil-bidu ta' Marzu l-MEPA hija mistennija bħas-soltu tibgħad il-Carnet de Chasse ta' din is-sena, meta allura il-liċenzji ta' din is-sena jkun jistgħu jitħalsu.

Fil-konfront ta' l-insib, l-FKNK għad m'għandix risposta definittiva mill-uffiċjali tal-Gvern u ser tkompli tisħaq fuq din in-namra anki fil-jiem li ġejjin f'laqgħat li hemm ippjanati ma uffiċjali tal-Gvern u anki mal-Ministru l-ġdid għall-ambjent l-Onor. Mario Demarċo, bl-isperanza li wara snin ta' torturi, nkunu nistgħu nagħtu xi aħbar tajba lin-nassaba.

Lino Farrugia
Segretarju Ġenerali